**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbatax (16)**

20 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tiġrija. Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:42.

**Preżenti:**

**Victor Curmi – Sindku**

**Dr. Francienne Muscat – Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli – Kunsilliera**

**Leanne Micallef – Kunsilliera**

**Dr. Kevin Cutajar – Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 16A (3):**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

**Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv**

## 16.1 Talba

Intqagħlet it-talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 16.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Viċi Sindku talab li jiġi skużat għaliex ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali li ma kellhux kontrol fuqhom. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Viċi Sindku Agius jiġi skużat mil-laqgħa.

## 16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nri 16 u 15 u Skeda ta' Pagamenti No 5;

Il-minuti tal-Laqgħa numri 16 u 15 kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti No 5 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Lkoll ġew approvati mill-membri kollha preżenti, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

## 16.4. Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

- Is-Sindku ħabbar li ċ-Ċentru Ċiviku miexi sew. Kien hemm l-elementi li telfu l-andament, imma b'mod inġenerali x-xogħol għaddej.

- Għandna ukoll ix-xogħol fi triq Stellini li sal-aħħar tax-xahar għandha tkun lesta.

- Dwar il-Fig Festival, importanti li l-Kunsilliera kollha nattendu għal din l-attivita'. Il-Kunsillier Christian Zammit għamel referenza għall-inviti li ntbgħatu lit-Taljani li magħhom għandna ġemellaġġ. Sfortunatament dawn ma setgħux jattendu.

  Is-Sindku tkellem ukoll dwar ix-xewqa li nkomplu nesploraw il-ħbiberija mal-Komunita' ta' Rahovec, fil-Kosovo. Ġie deċiz li din il-materja għandha terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

  Is-Sindku semma li hemm bżonn li ninfurmaw lil TM dwar crash barriers li qegħdin regolarment jintlaqtu mill-karozzi.

  Is-Sindku nforma lill-membri li fit-30 ta' Ġunju se jkollu laqgħa mal-Hon.Ministru tal-Ambjent, Enerġija u Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir Dr. Miriam Dalli. Se jkun qed iressaq talba għal għajnuna finanzjarja sabiex jitwettaq proġett ta' tisbiħ li jinkludi ġibjun fil-playingfield. Kien hemm qbil dwar dan.

*(Kien hemm qbil li nkomplu bl-aġenda u l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera saru wara)*

## 16.5 Mozzjoni Numru 01_2025

Mozzjoni li saret minn Dr. Francienne Muscat u sekondata mill-Kunsilliera Leanne Micallef - *"Studju dwar il-Kapaċita ta' Tolleranza tal-iżvilupp, ta' din il-lokalita'."*

Din il-mozzjoni inqrat mill-Minority Leader il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat. Din il-mozzjoni qed titlob li jsir pjan ta' ħtiġijiet tal-lokalita' u jevalwa kemm il-lokalita' tiflaħ għal iżvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li jistgħu jibqgħu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent, infrastruttura u kwalita' tal-ħajja tar-residenti. Hi spjegat li b'hekk meta jsir dan l-istudju bħala Kunsill Lokali nistgħu mmorru bih għand il-gvern ċentrali u Awtorita' tal-Ippjanar. Dwar il-mistoqsija tal-Kunsillier Christian Zammit fuq l-istima għal dan ix-xogħol, il-Minority leader wieġbet li f'dan l-istadju ma kellix stima minħabba li l-mozzjoni qed tipproponi li l-ħlas isir mill-Gvern Centrali jew mill-Awtorita tal-Ippjanar. Min-naħa l-oħra l-Kunsilliera Marion Portelli indikat li billi jkollna dan l-istudju, bħala Kunsill, aħna l-iżvilupp ma nistgħux nwaqqfuh.

Is-Sindku għal din il-mozzjoni wieġeb f'isem il-Kunsilliera Christian Zammit u Marion Portelli li *"filwaqt li napprezzaw l-mozzjoni mressqa, li titratta' oqsma għal qalbna u għal qalb il-gvern, niddikjaraw fiduċja sħiħa li l-gvern permezz tal-aġenziji u entitajiet varji tiegħu diġa qed jieħu ħsieb biex jindirizza dawn l-istudji, b' rispett sħiħ lejn il-bilanċ li jinħtieġ fi sfond ta' żvilupp ekonomiku, ambjentali, infrastrutturali u soċjali li qed jkompli jippermetti investiment qawwi u bla preċedent fil-kwalita' tal-ħajja tagħna lkoll. Għaldaqstant niddikjaraw li mhux meħtieġ li ssir talba għal istudju li qed jiġi propost li jirrigwardja doveri li hu tal-Gvern Ċentrali li nafu li dawn diġà qed jiġu ndirizzati bis-serjeta'."*

Wara dan ittieħed vot miftuħ fuq id-domanda "Jekk taqblux li għandu isir dan l-istudju?"

Il-vot li ttieħed ġie 3 favur u 4 kontra li jinkludi l-Casting Vote tas-Sindku (kontra).

### 16.6 Unaudited Financial Statements

Is-Seg Eżekuttiv ippreżentat l-Unaudited Financial Statements tas-sena 2024 li kienu diġa ntbagħtu b' email lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa. Ġie spjegat li issa qegħdin f'pozizzjoni aħjar biex nkunu nistgħu naħdmu fuq il-Budget 2025. Kien hemm qbil sabiex xi pre-payments u accruals ġejjin minn snin preċedenti u li għalihom kien qed jagħmel referenza l-awditur jitneħħew.

Ġiet ippreżentata wkoll il-Management letter għal Audited Financial Statements 2023 li wkoll kienet intbgħatet minn qabel lill-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet il-mistoqsijiet tal-Kunsilliera u l-FS2024 kif ukoll it-tweġiba għall-Management Letter ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 16.7 Belvedere Għejjun

Is-Sindku Victor Curmi tkellem mas-sidien dwar il-possibilta' li jsir dan il-proġett, iżda dawn qalu li l-Kunsill għandu jagħti kumpens. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill zgur li ma jistax joffri l-ebda forma ta' kumpens. Filwaqt li ż-żona ta' dawn l-għelieqi ma hiex tinħadem is-Sindku qal li dawn jinsabu f'idejn in-nies u għalhekk ma jħossx li hu ,ġust li jitlob għal expropprijazzjoni tagħhom.

### 16.8 Bye-Law

Is-Seg Eżekuttiv għamlet referenza għal pagamenti msemmija fid-draft li kien ġie ippreparat mill-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li filwaqt li għandna ndaħħlu l-element ta' charges, din il-miżata ma għandix tiġġustifika li dak li ma jistax isir jista jsir. Ġie diskuss jekk għandux ikollna lista' ta' attivitajiet li jkunu ristretti totalment milli jsiru, filwaqt li oħrajn jingħataw b'deskrizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu s-setgħa li jiddisponi restrizzjonijiet kif jidhirlu li hu xieraq. Din il-lista li ġiet ssuġġerita tiġbor fiha projbizzjoni ta' *Tisjir, Campings, Caravans, Vetturi (fuq ir-ramel) u Zjut.* Jekk ikun hemm rikjesta mill-privat, jew tal-gvern għandu jitħallas charge lil Kunsill. Jekk tkun NGO il-Kunsill għandu diskrezzjoni li jeżenta kif ukoll għandu s-setgħa li jimponi kundizzjonijiet kif jidhirlu xieraq. Ġie diskuss ukoll jekk din il-*bye-law* tkoprix fiha ukoll meta xi ħadd jixtieq jagħmel xi attivita' l-barra mir-Ramel jiġifieri fi Triq tar-Ramla, li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill. Ġie milħuq ftehim illi ssir laqgħa mas-Sa. Amity Gauci fi ħdan il-MGP sabiex dawn il-punti jkunu jistgħu jiġu diskussi aktar.

**Mill-Kunsilliera Francienne Muscat**

- Fakkret dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Karkar. Ser nerġgħu nibgħatu lil MGP.
- Staqsiet jekk hemmx żvilupp dwar it-telephone box. Is-Sindku wieġeb li għaddejjin b'korrispondenza mal-GO u qegħdin nistennew risposta.
- Biex nippuxxjaw fuq Triq it-Tiġrija u Triq Knisja sabiex jagħtu l-wiċċ almenu qabel il-festa bis-Sindku jwieġeb li qed jiġri wara l-kuntrattur.
- Dwar ir-rampa tas-Sur Alan Ċini, li ilha ħafna għaddejja korrispondenza mal-Enemalta u xorta baqgħat ma saritx. Is-Sindku jwieġeb f'dan il-kaz naraw x'hemm bżonn u ssir mill-Kunsill.
- Rigward is-Sqaq tan-Nenus, hemm bżonn isir xi cement fuq biċċa żgħira. Is-Sindku wieġeb li nressqu t-talba l-Ministeru.
- Bħal din it-triq li huma *'white roads'* hemm ukoll Triq tal-Pergla, Sqaq ix-Xagħri, Trejqet Ġużeppi Sultana li ma jistgħux jifħu tieqa minħabba t-trab.
  Dwar it-Triq tal-Pergla l-Kunsill talab biex issir mir-Rural funds.
- Issuġġeriet li jingħata bidu għall-proċess ħalli jsir treasure hunt għal aħħar ta' Settembru qabel tibda' l-iskola. Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' Togħma Tradizzjonali li ser issir fis-27 ta' Settembru. Kien hemm qbil li jsiru dawn l-attivitajiet.

**Mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar**

- Staqsa dwar sarux id-dwal taż-żebra crossing fi vjal 8 ta' Settembru. S-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li qed titkellem mal-kuntrattur biex jinxtgħelu.
- B'referenza għal-problema li qed tiffaċċja residenta fi Triq 28 ta' April, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li se ssir laqgħa online mal-Perit tal-Kunsill fit-2 ta' Lulju. Dan biex nieħdu l-parir tal-espert dwar x'jista jsir.
- Dwar id-dawl tal-Ġnien tal-Mitħna li jinsab b'parti mitfi, is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li kienet diġa tkellmet mal-kuntrattur u qed jieħu ħsiebu.
- Ressaq il-problema ta' konġestjoni ta' traffiku li qed tinħoloq fi Triq Marsalforn li ġiet ukoll diskussa fil-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita'. Is-Sindku semma li talab l-assistenza ta' Transport Malta u tal-LESA u nfurmawna li ser jitilgħu jimmonitorjaw l-areas. Dr. Cutajar ressaq 2 suġġerimenti li kienu tressqu fil-

laqgħa mal-Pulizija tal-Kommunita'.
Li niktbu lil MGP sabiex jiffinanzjaw l-uffiċjali biex jidderieġu t-traffiku.
Jew li possibilment issir One Way temporanja sakemm jiġi ffinalizzat il-proġett. Il-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment.

- Staqsa dwar possibilta' li l-Kunsill ikollu overhead projector. Ir-raġunijiet huma varji. Sar qbil dwar dan.
- Staqsa dwar il-Cats Żebra crossing fi Triq il-Kortoll. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li din kienet diġa ordnata u ser terġa tfakkar lill-Kuntratur dwarha.
- Dwar trakk ipparkjat u li ilu pparkjat fl-istess post. Is-Sindku nfurmah li ċempel lis-Sid u ser ineħħieħ.
- Ġiet diskussa ż-żebra crossing fi Vjal 8 ta' Settembru, ħdejn l-Iscouts. Ġie deċiż li nitkellmu mal-Perit sabiex jigwidana dwar il-possibiltajiet li hemm.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

- Staqsiet fejn wasalna dwar il-cameras. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li jinsab fil-proċess tal-evalwazzjoni.
- Issuġġeriet li jkun hemm żieda fil-Facebook Posts tal-Kunsill.
- Semmiet dwar il-Keep Fit Classes li ser jispiċċaw sal-aħħar tax-xahar, u ssuġġeriet li jerġgħu jsiru.
- Staqsiet jekk kienx hemm konkorrenza għal ismart bins bis-Segretarju Eżekuttiv tinfurmha li l-Economic Operators kollha ġabru l-Card.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

- Ilment dwar il-Belvedere tal-għejjun għax la hemm rubbish u lanqas dog bin. Sar qbil biex dawn isiru.
- M'hemmx Bus Stop fi Triq Nazzarenu speċjalment meta jkun għaddej ix-xogħol.
- Fi Triq Ġnien Xibla, qabel ma taqbad triq Għajn Hosna u Ġorf, issuġġeriet li ssir tabella Go Slow. Kien hemm qbil dwar dan.
- Dwar il-volleyball, tkellmet ma' Angie Bonello. Min dak kollu li ntqal ikkonkludiet li dan jinvolvi ħafna apparat. Harġet l-idea ta' pre-festa games li jista' jinġieb apparat b' xejn, pero' hemm xi affarijiet li jridu jinxtraw. Il-figura hi ta' madwar €400 fejn sar qbil li jitħallsu mill-Kunsill.

**16.9 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti**

- Talba minn resident biex titneħħa kaxxa blue u tabella fi Triq Għajn Qamar; Jekk il-*parking bay* hija waħda *Communal* ma għandiex titneħħa.
- Korrispondenza mis-CRPD dwar l-EU Accessibility act.
- Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Digital Summit 2025;
- Korrispondenza dwar iffinanzjar ta' servizzi ta' sigurta' waqt attivitajiet kulturali mill-LESA; Ser jerġgħu jiġi allokati fondi mill-aġenzija tal-Ministeru responsabbli għall-intern;
- Infetħet call għal fond Ewropew LEADER; open Rolling call; Ser isir meeting ma Dr. Miriam Dalli biex isir ġibjun taħt il-playingfield. Il-Kunsillier Kevin Cutajar issuġġerixxa illi nippruvaw nkellmuha fuq il-proġett ta' Triq il-Knisja biex l-ilma

jiġi ndirizzat u mhux jħarbat l-għelieqi b'soil erosion u hekk ilma jmur direttament ġot-triq.

- Talba minn Wolfpack Airsoft Club Malta għal użu ta' xi art li ma tintużax u li hi taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill għal training events; Is-Sindku ssuġġerixxa li ngħaddu din l-informazzjoni lil Xagħra United Futbol Club;
- Email minn MIEMA dwar webinar fuq European Energy Communites Facility;
- Suġġeriment minn resident għal management aħjar tat-Traffiku fil-pjazza kif ukoll għeluq tal-pjazza fil-weekend; Il-possibilment tal-għeluq tal-Pjazza ġie diskuss fejn issemma li l-pjazza bdiet tingħalaq fit-2019. Wara l-Covid bdiet tingħalaq ukoll matul il-Wednesday nights, b'arranġament mal-MGP. Kompliet ukoll matul is-Sibtijiet ta' wara. Ma ttieħditx deċizjoni dwar dan.
- Korrispondenza minn turist dwar bicycle racks fir-Ramla; Is-Sindku ssuġġerixxa li nibgħatu korrispondenza lil TM u jiddeċiedu huma.
- Suġġeriment minn resident dwar Triq Ġorf dwar traffic congestion u parking problems;
- Korrispondenza mill-Green MT dwar recycling points u l-Commercial outlets fejn inġibdet l-attenzjoni dwar is-servizz kif ukoll dwar l-obbligi u l-liġijiet. Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni tal-Bring in sites partikolarment dik ta' Triq Marsalforn u l-ispejjeż li l-Kunsill kien qed iħallas kull ġimgħa sabiex jassigura li dawn jitbattlu saħansitra seba darbiet kuljum. Il-Kunsill iddeċieda li l-Bring in Site ta' Triq Marsalforn titneħħa temporanjament bi prova, peress li din qeda tintuża l-aktar mis-sidien tar-restoranti ta' Marsalforn u mhux mir-residenti. Il-Kunsill ma jistax jibqa jħallas dawn l-ispejjeż u allura nimxu mal-iskeda tal-Green MT.
- Talba mix-Xagħra Scout Group biex jħawlu tlett siġar fil-playingfield; għandhom jinfurmawna il-lokazzjoni fejn ser jitpoġġew. Kien hemm qbil dwar dan.
- Programm tas-7 ta' Settembru; Kull erba' snin issir fix-Xagħra. Stedinna lil President tar-Repubblika, lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Oppozizzjoni.
- Talba għal sponsor minn Miss Junior Locality li fit-28 June ser tirrapreżenta lil Lokalita'; Il-Kunsill qabel li nikkolaboraw.
- Talba minn persuna b'diżabilita' dwar għajnuna; Ġie ssuġġerit li jekk jkun ser jorganizza xi attivita' aħna nkunu nistgħu nikkollaboraw miegħu.
- Korrispondenza mir-reġjun, dwar ospitalita' ta' żgħażagħ mill-Ukraine. Kien hemm qbil li nilqgħuhom u norganizzaw ġurnata magħhom.
- Email dwar jekk aħna hux interessati biex tittella series għal Gambori 2025; qed jippruvaw jsibu tlett postijiet fix-Xagħra. Se jkun qed jieħu ħsiebha l-Kunsillier Dr. Cutajar.
- Resident talab għal double line fi Triq Bertrija kantuniera ma Triq Liberat Grech;
- Korrispondenza minn Radju Calypso għal 7 day slot reklam għal prezz ta' €450 minflok €1,004; Il-kontenut ġie nnotat.
- UTV (Xandir Soċjo-Reliġjuż) jitlob kontribuzzjoni ta' €100 biex jitrasmettu l-festi fuq l-istazzjon; No objection jekk itellgħu l-festa tax-Xagħra.
- Junction bejn Triq il-Knisja, Triq Sruġ u Triq Għajn Lukin għal double line, proposta ta' TM sabiex tiġi ppreparata minn perit. Kien hemm qbil li naħdmu fuqha malajr.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Charles Azzopardi Refalo sabiex issir wirja storika ddedikata lil Gran Mastu Jean De La Valletta, Qed jitolbu finanzjament ta' €800 biex ikopru l-ispejjez relatati. Kien hemm qbil li nitolbu breakdown tal-ispejjeż biex naraw fejn nistgħu ngħinu u nikkolaboraw sa massimu ta' €500.
- Gie sottomoss fil-Qorti l-kontroprotest għal Protest Ġudizzjarju ta' Micheal Żammit datat it- 23 ta' Mejju 2025;
- Tweġiba mill-Wasteserve dwar ir-relocation tal-BCRS machine fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Wasteserv ma jaċċettawx li d-depot tal-BCRS tersaq fit-territorju tagħhom;
- Removal of Prepayments & Accrued Income li ġejjin minn snin 2016 – jimxu bħala payments. Dawn ġew diskussi aktar fid-dettal aktar il-quddiem u kien hemm qbil dwar dan.
- Sar update dwar fondi mill-Unjoni Ewropea. Sar meeting ma' Anġelo Giocchetti dwar funds disponnibbli:-
    - Life Programme fuq l-istorage tal-ilma.
    - Interreg Programme
- Vista mal-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta fit-30 ta' Ġunju;
- Is-Sindku ssuġġerixxa li niktbu ittra biex nifirħu lil Arċipriet għal ħatra tiegħu u nistednuh biex niltaqgħu miegħu.
- Sar meeting mal-Perm Sec tal-Education għall-għajnuna finanzjarja sabiex jkunu jistgħu jsiru korsijiet;
- Rigward Summer Clubs, ser nagħmlu 4 sessions fil-ġimgħa, 2 sessions mis-6 għan-9snin u 2 sessions minn 10 sa 12 -il sena. Peress li Victoria m' għandiex ċans issuġġeriet lil Jessica Gauci.
- Ittra mill-Lands Dept biex fi żmien 15 -il ġurnata inħallsu l-ammont ta' €26, 500 li jkopri site, fi Triq Gajdoru. Għandna niktbulhom li din l-fee hi eżorbitanti talli sempliċement qed nokkupaw l-art.
- Applikajna għal żewġ skemi, tal-Karnival u tal-Manutenzjoni biex nirranġaw il-funtana tal-Mitħna.
- Kif ġie maqbul qed naħdmu biex nissottomettu l-applikazzjoni SPI/SCI/07/2025 biex isir tisbiħ tal-playingfield.
- Ġew diskussi żewġ issues ta' ismijiet tat-toroq, dik li kienet proponuta l-isem - Triq is-Sorijiet Franġiskani. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ewwel irridu niċċekkjaw mal-Lands hix privata jew pubblika.
- Triq Ġdida bejn triq Mc Adam u Triq ix-Xagħri trid tingħata isem. Ġie deċiż li din għandha titkompla Triq Mikelanġ Pace, jiġifieri titkompla mat-triq li tinsab biswit tagħha. Triq oħra li meħtieġ jitkompla l-isem hija Triq Għajn Damma peress li uffiċjalment mhix rikonoxxuta bħala Triq Għajn Damma. Kien hemm qbil ma dawn.

<u>Talbiet u Lmenti tar-residenti:</u>

No 33 – Talba minn resident biex issir pjanċa mal-bieb tal-garage fi Triq Stellini – Il-Kuntrattur ġie ikkuntattjat

No 34 – Talba minn resident Triq San Ġużepp biex jitneħħa d-double line – Ir-resident bidlet il-ħsieb u ma tridx li dan jitneħħa.

No 35 – Talba minn resident fi Triq Karkar biex titballat l-aħħar parti tat-Triq (fejn il-mechanic) – Dan ix-xogħol sar diġà.

No 36 – Talba biex isir dog bin fil-pjazza tan-Nazzarenu u talba oħra mal-istess ilment sabiex jitneħħew id-double line ta' quddiem l-entratura taċ-ċentru tan-Nazzarenu fi Triq Mannar. Din it-talba ma ġietx milqugħa.

**16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:45 u ġet aġġornata għal Erbgħa, 30 ta' Lulju 2025 fil-17:45

Konfermati illum 30 ta' Lulju 2025

**IFFIRMATA**

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**